

L-Att dwar it-Traffiku huwa ssupplimentat bil-Kapitolu 12². ifformulat kif ġej:

**„Kapitolu 12²
TARIFFA TAR-REĠISTRAZZJONI**

§ 190¹³. Tariffa tar-reġistrazzjoni

It-tariffa tar-reġistrazzjoni titħallas għal vettura bil-mutur li tappartjeni għal kategorija msemmija f' § 190¹⁴ (1) ta' dan l-Att.

§ 190¹⁴. L-għan tat-tariffa tar-reġistrazzjoni

(1) L-għan tat-tariffa tar-reġistrazzjoni huwa vettura bil-mutur li tappartjeni għal waħda mill-kategoriji li ġejjin:

- 1) karozza tal-passiġġieri (minn hawn 'il quddiem: *vettura bil-mutur tal-kategorija M1*);
- 2) trakk b'massa massima sa 3500 kilogramma (minn hawn 'il quddiem: *vettura bil-mutur tal-kategorija N1*).

(2) Il-kategoriji ta' vetturi msemmija fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima għandhom jinkludu wkoll is-subkategoriji tagħhom.

§ 190¹⁵. Obbligu ta' ħlas ta' tariffa tar-reġistrazzjoni

(1) It-tariffa tar-reġistrazzjoni għandha titħallas mill-persuna li titlob li ssir ir-reġistrazzjoni fir-reġistru.

(2) L-obbligu li titħallas it-tariffa ta' reġistrazzjoni jinħoloq mal-ewwel reġistrazzjoni ta' vettura fir-reġistru tal-vetturi.

(3) L-ammont tat-tariffa tar-reġistrazzjoni pagabbli għandu jiġi ddeterminat mill-Amministrazzjoni tat-Trasport wara li twettaq it-test tal-affidabilità stradali previst fl-Artikolu 76(9) tal-Att dwar it-Traffiku.

§ 190¹⁶. Iż-żmien tal-ħlas tat-tariffa tar-reġistrazzjoni

It-tariffa tar-reġistrazzjoni għandha titħallas qabel ma l-vettura tiġi rreġistrata għall-ewwel darba fir-reġistru tal-vetturi Estonjan.

§ 190¹⁷. Awtorità tat-tariffa tar-reġistrazzjoni

L-Amministrazzjoni tat-Trasport għandha tkun l-awtorità responsabbli għat-tariffi tar-reġistrazzjoni.

§ 190¹⁸. Irċevuta tat-tariffa tar-reġistrazzjoni

It-tariffa tar-reġistrazzjoni titħallas lill-baġit tal-Istat.

§ 190¹⁹. Ir-rati tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għall-vetturi bil-mutur tal-kategorija M1

(1) Għal vettura bil-mutur tal-kategorija M1 li mhijiex kompletament elettrika u li għaliha d-data dwar emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂, ikkalkulati skont il-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata Dinjija għall-Vetturi Ħfief (minn hawn 'il quddiem: *WLTP*), huma disponibbli fir-reġistru tal-vetturi, ir-rata tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma tat-tliet komponenti li ġejjin:

- 1) il-komponent bażi ta' EUR 300 għal kull vettura bil-mutur;
- 2) il-komponent tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ fejn kull gramma ta' CO₂ għandha tiġi mmultiplikata b'EUR 5 fil-medda ta' 1 sa 117-il gramma għal kull kilometru, b'EUR 40 fil-medda ta' 118 sa 150 gramma għal kull kilometru, b'EUR 60 fil-medda ta' bejn 151 u 200 gramma għal kull kilometru, u b'EUR 80 fil-medda ta' 201 gramma jew iktar għal kull kilometru;
- 3) il-komponent tal-massa fejn kull kilogramma ta' vettura bil-mutur li taqbeż il-massa massima ta' 2000 kilogramma tiġi mmultiplikata b'EUR 4 sal-ammont ta' EUR 4000 u, għal vettura bil-mutur b'kapaċità ta' ċċarġjar estern, li jkollha n-notazzjoni "OVC-HEV" fir-reġistru tal-vetturi, kull kilogramma li taqbeż il-massa massima ta' 2200 kilogramma tiġi mmultiplikata b'EUR 4 sal-ammont ta' EUR 4000.

(2) Għal vettura bil-mutur imsemmija fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima, li għaliha informazzjoni dwar emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ hija disponibbli fir-reġistru tal-vetturi abbażi biss taċ-Ċiklu l-Ġdid tas-Sewqan Ewropew (minn hawn 'il quddiem: *Metodu tal-NEDC*), ir-rata tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma tat-tliet komponenti li ġejjin:

- 1) il-komponent bażi speċifikat fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima;
- 2) il-komponent tal-massa;
- 3) il-komponent tal-emissjonijiet speċifiċi tass-CO₂ fejn il-valur tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ jiġi mmultiplikat l-ewwel b'fattur ta' 1.21 u mbagħad is-sehem għal kull gramma ta' CO₂ għandhom jiġu kkalkulati skont id-dispożizzjonijiet tal-klawżola (1) 2) ta' din it-taqsima.

(3) Għal vettura bil-mutur imsemmija fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima li għaliha ma hemm l-ebda informazzjoni dwar emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ huma disponibbli fir-reġistru tal-vetturi, valur ta' referenza tad-WLTP tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ fi grammi għal kull kilometru għandhom jiġu kkalkulati bħala s-somma tat-tliet komponenti li ġejjin, suġġetti għas-subtaqsima (4):

- 1) il-qawwa tal-magna f'kilowatts, immultiplikata b'0.29;
- 2) il-massa mingħajr tagħbija tal-vettura bil-mutur f'kilogrammi, immultiplikata b'0.07;
- 3) l-età tal-vettura bil-mutur fi snin bid-data tal-bidu tal-perjodu ta' tassazzjoni mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni, immultiplikata b'4.92.

(4) Dan li ġej għandu jitnaqqas mis-somma miksuba billi jingħaddu l-valuri speċifikati fil-punti (3) 1)-3) ta' din it-taqsima:

- 1) 35 gramma ta' CO₂ għal kull kilometru għal vettura mgħammra b'magna ta' tqabbid bil-kompressjoni;
- 2) 52 gramma ta' CO₂ għal kull kilometru għal vettura bil-mutur mgħammra b'magna ta' tqabbid bil-kompressjoni, li ma għandhiex kapaċità ta' ċċarġjar estern u li għandha n-notazzjoni "NOVC-HEV" fir-reġistru tal-vetturi;
- 3) 39 gramma ta' CO₂ għal kull kilometru għal vettura bil-mutur mgħammra b'magna tal-petrol, li jkollha n-notazzjoni "NOVC-HEV" fir-reġistru tal-vetturi.

(5) Il-valur ta' referenza massimu tad-WLTP ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ imsemmija fis-subtaqsima (3) ta' din it-taqsima għandu jkun 350 gramma ta' CO₂ għal kull kilometru.

(6) Ir-rata tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għal vettura bil-mutur imsemmija fis-subtaqsimit (3) u (4) ta' din it-taqsima għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma tat-tliet komponenti li ġejjin:

- 1) il-komponent bażi speċifikat fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima;
- 2) il-komponent tal-massa;
- 3) il-komponent tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ iddeterminat mill-valur ta' referenza tad-WLTP.

(7) Ir-rata tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għal vettura bil-mutur imsemmija fis-subtaqsima (3) ta' din it-taqsima, li fiha n-notazzjoni "OVC-HEV" fir-reġistru tal-vetturi, għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma tat-tliet komponenti li ġejjin:

- 1) il-komponent bażi speċifikat fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima;
- 2) il-komponent tal-massa;
- 3) il-komponent tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂, li għandu jkun uguali għal 46 gramma ta' CO₂ għal kull kilometru.

(8) Ir-rata tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għal vettura bil-mutur imsemmija fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima, li hija kompletament elettrika, għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma taż-żewġ komponenti li ġejjin:

- 1) il-komponent bażi ta' EUR 300 għal kull vettura bil-mutur;
- 2) il-komponent tal-massa fejn kull kilogramma ta' vettura bil-mutur li taqbeż il-massa massima ta' 2400 kilogramma tiġi mmultiplikata b'EUR 4 sal-ammont ta' EUR 4400.

(9) It-tariffa tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur tal-kategorija M1 b'isem tal-bodi "residenzjali" skont ir-reġistru tal-vetturi u tul li jaqbeż 5100 millimetru, għandha tiġi kkalkulata fuq il-baży tar-rata tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għall-vetturi bil-mutur tal-kategorija N1 mingħajr ma jiġi applikat il-multiplikatur tal-età tal-vettura għar-rata tat-tariffa tar-reġistrazzjoni.

§ 190²⁰. Ir-rati tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għall-vetturi bil-mutur tal-kategorija N1

(1) Għal vettura bil-mutur tal-kategorija N1 li mhijiex kompletament elettrika u li għaliha d-data dwar l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂, ikkalkulata skont id-WLTP, hija disponibbli fir-reġistru tal-vetturi, ir-rata tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma taż-żewġ komponenti li ġejjin:

- 1) il-komponent bażi ta' EUR 500 għal kull vettura bil-mutur;
- 2) il-komponent tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ fejn kull gramma ta' CO₂ għandha tiġi mmultiplikata b'EUR 2 fil-medda ta' 1 sa 204 gramma għal kull kilometru, b'EUR 30 fil-medda ta' bejn 205 u 250 gramma għal kull kilometru, b'EUR 35 fil-medda ta' 251 sa 300 gramma għal kull kilometru, u b'EUR 40 fil-medda ta' 301 gramma jew iktar għal kull kilometru.

(2) Għal vettura bil-mutur imsemmija fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima, li għaliha informazzjoni dwar l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ hija disponibbli fir-reġistru tal-vetturi biss abbaży tal-metodu NEDC, ir-rata tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma taż-żewġ komponenti li ġejjin:

- 1) il-komponent bażi speċifikat fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima;
- 2) il-komponent tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ fejn il-valur tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ jiġi mmultiplikat l-ewwel b'fattur ta' 1.3 u mbagħad is-sehem għal kull gramma ta' CO₂ għandhom jiġu kkalkulati skont id-dispożizzjonijiet tal-klawżola (1) 2) ta' din it-taqsima.

(3) Għal vettura bil-mutur imsemmija fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima li għaliha ma hemm l-ebda informazzjoni dwar l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ disponibbli fir-reġistru tal-vetturi, valur ta' referenza tad-WLTP ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ fi grammi għal kull kilometru għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tat-tliet komponenti li ġejjin, suġġett għall-paragrafi (4) sa (5):

- 1) il-qawwa tal-magna f'kilowatts, immultiplikata b'0.4;
- 2) il-massa mingħajr tagħbija tal-vettura bil-mutur f'kilogrammi, immultiplikata b'0.07;
- 3) l-età tal-vettura bil-mutur fi snin bid-data tal-bidu tal-perjodu ta' tassazzjoni mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni, immultiplikata b'5.16.

(4) Fil-każ ta' vettura li taħdem bil-petrol, 22.4 gramma ta' CO₂ għal kull kilometru għandhom jiżdiedu mas-somma miksuba billi jingħaddu l-ammonti speċifikati fil-punti (3) 1)–3) ta' din it-taqsima.

(5) Fil-każ ta' vettura bil-mutur mġhammra b'magna ta' tqabid bil-kompressjoni, li ma għandha l-ebda kapaċità ta' ċċarġjar estern u li jkollha n-notazzjoni "NOVC-HEV" fir-reġistru tal-mutur, jew vettura bil-mutur mġhammra b'magna li taħdem bil-petrol, li jkollha n-notazzjoni "NOVC-HEV" fir-reġistru tal-vetturi, 19.9 gramma ta' CO₂ għal kull kilometru għandu jitnaqqas mis-somma miksuba billi jingħaddu l-valuri speċifikati fil-punti (3) 1)–3) ta' din it-taqsima.

(6) Il-valur ta' referenza massimu tad-WLTP ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ imsemmija fis-subtaqsima (3) ta' din it-taqsima għandu jkun 350 gramma ta' CO₂ għal kull kilometru.

(7) Ir-rata tat-tariffa ta' reġistrazzjoni għal vettura bil-mutur imsemmija fis-subtaqsimiet (3)–(5) ta' din it-taqsima għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma taż-żewġ komponenti li ġejjin:

- 1) il-komponent bażi speċifikat fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima;
- 2) il-komponent tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ iddeterminat mill-valur ta' referenza tad-WLTP.

(8) Ir-rata tat-tariffa ta' reġistrazzjoni għal vettura bil-mutur imsemmija fis-subtaqsima (3) ta' din it-taqsima, li għandha n-notazzjoni "OVC-HEV" fir-reġistru tal-vetturi, għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma taż-żewġ komponenti li ġejjin:

- 1) il-komponent bażi speċifikat fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima;
- 2) il-komponent tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂, li għandu jkun ugwali għal 69 gramma ta' CO₂ għal kull kilometru.

(9) Ir-rata tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għal vettura bil-mutur imsemmija fis-subtaqsima (1) ta' din it-taqsima, li hija kompletament elettrika, għandha tkun ta' EUR 300 għal kull vettura bil-mutur.

(10) It-tariffa tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur tal-kategorija N1 b'qawwa speċifika li taqbeż 0.20 kilowatt ta' kapaċità ta' tagħbija għal kull kilogramma skont ir-reġistru tal-vetturi għandha titħallas abbażi tar-rata tat-tariffa ta' reġistrazzjoni għal vetturi bil-mutur tal-kategorija M1, filwaqt li jiġi applikat ukoll, fil-każ ta' persuni fiżiċi, il-multiplikatur tal-età tal-vettura tat-tariffa tar-reġistrazzjoni.

§ 190²¹. Multiplikatur tal-età tal-vettura applikabbli għat-tariffa tar-reġistrazzjoni

(1) Multiplikatur li jiddependi fuq l-età tal-vettura bil-mutur għandu jiġi applikat għat-tariffa tar-reġistrazzjoni għal vettura bil-mutur tal-kategorija M1 fil-każijiet li ġejjin:

- 1) is-sid tal-vettura bil-mutur ikun persuna fiżika;
- 2) l-utent awtorizzat tal-vettura bil-mutur għall-finijiet ta' dan l-Att huwa persuna fiżika.

(2) Fil-każ ta' vettura bil-mutur tal-kategorija M1, il-multiplikatur tal-età tal-vettura applikabbli għat-tariffa tar-reġistrazzjoni għandu jkun:

- 1) 0.95 jekk tkun għaddiet mill-inqas sena mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 2) 0.89 jekk ikunu għaddew mill-inqas sentejn mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 3) 0.84 jekk ikunu għaddew mill-inqas 3 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 4) 0.79 jekk ikunu għaddew mill-inqas 4 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 5) 0.73 jekk ikunu għaddew mill-inqas 5 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 6) 0.68 jekk ikunu għaddew mill-inqas 6 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 7) 0.63 jekk ikunu għaddew mill-inqas 7 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 8) 0.57 jekk ikunu għaddew mill-inqas 8 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 9) 0.52 jekk ikunu għaddew mill-inqas 9 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 10) 0.47 jekk ikunu għaddew mill-inqas 10 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 11) 0.41 jekk ikunu għaddew mill-inqas 11-il sena mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 12) 0.36 jekk ikunu għaddew mill-inqas 12-il sena mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 13) 0.31 jekk ikunu għaddew mill-inqas 13-il sena mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 14) 0.25 jekk ikunu għaddew mill-inqas 14-il sena mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan;
- 15) 0.20 jekk ikunu għaddew mill-inqas 15-il sena mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur sad-data tar-reġistrazzjoni tagħha fir-reġistru tal-vetturi Estonjan.

(3) Il-multiplikatur tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għandu jiġi applikat għall-ammont tat-tariffa tar-reġistrazzjoni bit-tnaqqis tal-komponent bażi.

(4) L-ammont miksub bl-applikazzjoni tal-multiplikatur tat-tariffa tar-reġistrazzjoni għandu jitqarreb għall-eqreb ċenteżmu.

§ 190²². Eżenzjoni mill-ħlas tat-tariffa tar-reġistrazzjoni

It-tariffa tar-reġistrazzjoni m'għandhiex tkun tista' titħallas:

- 1) għal vettura bil-mutur irreġistrata fir-reġistru tal-mutur bħala vettura ta' emerġenza;
- 2) għal vetturi bil-mutur li jkunu proprjetà ta' missjoni diplomatika, uffiċċju konsulari jew missjoni speċjali ta' stat barrani, rappreżentanza jew kwartieri ġenerali ta' organizzazzjoni

internazzjonali rikonoxxuta mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea jew aġenzija jew istituzzjoni stabbilita abbażi tal-liġi tal-Unjoni, rappreżentant diplomatiku jew uffiċjal konsulari ta' stat barrani akkreditat fl-Estonja (ħlief konslu onorarju), rappreżentant ta' missjoni speċjali jew organizzazzjoni internazzjonali, kif ukoll persunal amministrattiv ta' missjoni diplomatika, uffiċċju konsulari jew missjoni speċjali;

3) għal vettura bil-mutur li nbriet b'mod speċjali mill-ġdid għat-trasport ta' persuni b'diżabbiltà jew għall-użu minn persuni b'diżabbiltà.

§ 190²³. Ħżin ta' informazzjoni dwar it-tariffi tar-reġistrazzjoni

L-informazzjoni dwar il-kalkolu u l-ħlas tat-tariffi ta' reġistrazzjoni għandha tinħażen fir-reġistru tal-vetturi.”;

6) Is-subtaqsima 2³ li ġejja għandha tiżdied mat-taqsima 174, li tgħid kif ġej:

“(2³) Rekords tat-tariffa tar-reġistrazzjoni prevista fil-Kapitolu 12² ta' dan l-Att għandhom jinżammu wkoll fid-database tal-vetturi.”.

Subkapitolu 2 Dħul fis-seħħ tal-Att

§ 22. Dħul fis-seħħ tal-Att

(1) Dan l-Att jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

(2) § 3 (2) ta' dan l-Att jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2027.